***ALLONTANAMENT MID-DAR KONJUGALI***

***VARJAZZJONI JEW REVOKA TAD-DIGRIET TAS-SEKOND'AWLA***

***BDIL TA' CIRKOSTANZI – ART 46 – KAP 16***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Gunju 2001**

**Rikors Numru: 7**
**Rikors Numru: 359/98/RCP**

**Connie Scerri pro et noe**

**vs**

**Nazzareno Scerri**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors a fol 1 tal-process fejn l-attrici talbet sabiex din il-Qorti tvarja l-access skond kif ordnat bid-Digriet tas-

Sekond'Awla li hu ezibit fl-atti tal-kawza premessa billi tordna li l-intamt ikollu access ghat-tfal taht supervizjoni u jekk dan jigi ordnat li jsir fic-Centru Hidma Socjali f'Santa Venera, joghgobha tordna li l-access isir darba matul il-Gimgha minflok tlett darbiet fil-gimgha stante d-distanza li hemm bejn Santa Venera u l-Fgura.

Rat ir-risposta ta' l-intimat a fol 3 tal-process fejn oppona ghall-istess rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 1998 fejn il-partijiet qablu li l-access ghandu jkompli kif ordnat mill-Qorti, u dan ghandu jsir b'effett mill-Hadd ta' wara l-istess seduta fid-9.00 a.m., filwaqt li l-intimat obbliga ruhu li ma jissoggettax lill-uliedu ghall-ebda tip ta' recording.

Illi in vista tal-istess il-Qorti cahdet it-talbet fir-rikors tal-attrici tal-14 t'Ottubru 1998 u presenzjalment din il-Qorti ghal kull effett u buon fini tal-ligi tikkonferma l-istess digriet taghha tal-10 ta' Dicembru 1998.

Rat ir-rikors ta' Nazzareno Scerri a fol 5 tal-process, datat 9 ta' Novembru 1998, fejn talab li d-dar konjugali tigi maqsuma b'mod li l-esponenti toqghod f'parti mill-istess dar konjugali u hekk jigi revokat id-digriet precedenti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili Nru 1385/97 u sabiex jigi stabbilit meta ulied il-partijiet jithallew jorqdu mar-rikorrenti bl-assistenza tal-Pulizija, fin-nuqqas li l-attrici tonqos li taderixxi ruhha mad-digriet tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 1999 fejn il-Qorti giet infurmata li l-proceduri tal-lum jikkoncernaw ir-rikors tad-9 ta' Novembru 1998.

Rat ir-risposta tal-attrici a fol 12 tal-process fejn opponiet ghat-talbiet tal-konvenut fir-rikors tieghu tad-9 ta' Novembru 1998.

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta' Frar 1999; tat-2 ta' Gunju 1999; tat-22 ta' Gunju 1999 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li r-rikors li ghandu jigi trattat hu dak tad-9 ta' Novembru 1998 u r-risposta tal-15 ta' Frar 1999. Id-difensuri qablu li r-rikorrenti ghandu access tat-tfal skond digriet tas-Sekond' Awla pero` xorta jinsisti dwar it-talba tieghu li jkunu jistghu joqghodu mieghu. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-process tas-Sekond' Awla (Dig 1385/97) tal-11 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet premessi. Il-Qorti nnominat l-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli sabiex tisma l-provi kollha.

Rat is-seduti tat-23 ta' Lulju 1999; tad-29 ta' Lulju 1999; tal-20 ta' Settembru 1999; tat-28 ta' Settembru 1999; u tal-1 ta' Ottubru 1999 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 t'Ottubru 1999.

Rat is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-10 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2000.

Rat is-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-31 ta' Jannar 2000 u tal-15 ta' Marzu 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2000.

Rat is-seduti tal-5 ta' Gunju 2000 u tas-16 ta' Gunju 2000; u tas-17 ta' Lulju 2000 quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Gunju 2000; tal-10 ta' Lulju 2000; tad-19 ta' Ottubru 2000; tal-31 ta' Jannar 2001 fejn xehed Antoine Grech. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar; u tad-29 ta' Marzu 2001 fejn id-difensuri trattaw il-kawza. Ir-rikors gie differit ghall-provediment finali ghall-21 ta' Gunju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) MERTU TAR-RIKORS.

Illi dan il-provvediment huwa limitat ghar-rikors li sar minn Nazzareno Scerri fid-9 ta' Novembru 1998 fejn talab ir-

revoka tad-digriet tas-Sekond' Awla li bih gie mnehhi l-barra mid-dar konjugali u qed jitlob li l-istess dar tinqasam. Inoltre` jrid li din il-Qorti tistabbilixxi l-hinijiet meta jkollu t-tfal mieghu u meta jraqqadhom mieghu u fi kwalunkwe kaz tawtorizza lill-Marixall ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Pulizija li jesegwixxi d-digriet tal-konsenja tat-tfal kemm-il darba Connie Scerri tirrifjuta li tottempora ruhha.

Illi min-naha taghha Connie Scerri qalet fir-risposta taghha li mhux minnu li zewgha kien qed jiccahhad minn uliedu. Fil-fatt l-access beda jsir regolarment wara d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-10 ta' Dicembru 1998. Inoltre` sostniet li l-konvenut gie ordnat li jitlaq mid-dar matrimonjali wara li l-Imhallef sedenti fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sema l-partijiet u kkunsidra r-ragunijiet li kien wassal sabiex hi fitxet il-kenn fid-dar 'Merhba Bik'. Minn dak in-nhar ma kien hemm ebda tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet li jiggustifika revoka tal-imsemmi digriet *pendente lite*. Anzi kien hemm allegatament incidenti ohrajn.

Inoltre` r-rikorrenti ssostni li t-talba li d-dar konjugali tinqasam *pendente lite* mhix legalment sostenibbli stante li mhix prevista bhala ordni li din il-Qorti tista' taghti f'dan l-istadju tal-proceduri.

Illi lanqas m'hu minnu li d-dar li hija parafernali taghha tista' tinqasam komodament, u ma jkunx hemm assikurazzjoni tas-sigurta` u inkolumita` taghha u tal-istabilita` familjari.

Inoltre` s-Sekond' Awla kienet ukoll ikkonsidrat li l-konvenut kellu mezzi bizzejjed biex isib akkomodazzjoni ghalih.

## (B) PROVI PRODOTTI

Illi fix-xhieda tieghu **Nazzareno Scerri** xehed li bhalissa qieghed jghix m'ommu peress li finanzjarjament bil-paga ta' Lm255.87 fix-xahar ma jistax jikri post ghalih. Huwa jsostni li peress li ghandu Lm80 manteniment kif ukoll jaghti Lm60 lil ommu ghall-bzonnijiet tieghu ma jista' jsib imkien tajjeb ghalih. Hu qal li ghand ommu jorqod jew fil-kamra t'ohtu jew inkella fejn il-bieb tal-kantina fuq *folding bed*.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali hu esebixxa pjanta maghmula minnu stess (Dok NS2 a fol 35 tal-process) u spjega kif inhi mqassma. Permezz tar-rikors hu qed jitlob illi skond kif taghzel martu kull wiehed joqghod u fi pjan tad-dar ghalihom. Qal ukoll li minn Dicembru 1997 sa Marzu 1998 ma kienitx qed tghix fid-dar imma kienet marret tghix m'ommha.

Huwa xehed li s-sitwazzjoni bejnu u martu u t-tfal bhalissa hi wahda tajba fis-sens illi ma nqalghu l-ebda ncidenti. L-ahhar incident kien f'Ottubru 1998 u kien ghamel xahrejn ma jarax lit-tfal.

Zied jghid li l-post fejn qed ighix m'ommu hu mikri u kwindi jekk huma jigu neqsin m'ghandux fejn joqghod. Inoltre l-familja tal-mara tieghu ghandhom diversi postijiet vojta.

In kontro-ezami xehed li ohtu Carmen issa zzewget u daqqa tghix id-dar u daqqa le.

L-intimata **Connie Scerri** xehdet li d-dar matrimonjali hi ta' proprjeta` parafernali taghha skond kif jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt immarkat bhala Dok CS (a fol 45 *et sequitur* tal-process). L-original tieghu hadha zewgha. Hija qed topponi illi zewgha jerga' jidhol lura d-dar ghaliex kien hemm swat, vjolenza, nuqqas ta' finanzi u problemi ta' alcohol. Hija fil-fatt xehdet fis-sens illi hu kien jixrob kull tip ta' alcohol bhal inbid ma kien jaqta' xejn. Kien jixrob spirti u jmur go bars kuljum. Meta kien jixrob Hal-Luqa, daqs sitt snin ilu, kien jidhol fis-sakra d-dar kuljum u kien ikun aggressiv tant li ma kienux jikkontollawh. Minn dak iz-zmien kompla jzid fix-xorb. It-tfal minuri kienu jkunu prezenti d-dar u kienu jinqalghu hafna argumenti u kienu jkunu mwewrin u mbezzghin. Hi spjegat diversi incident fejn l-intimat Nazzareno Scerri kien aggressiv u hebb ghaliha.

Hi esebiet pjanta tad-dar li giet immarkata bhala Dok CS a fol 96 tal-process. Hi spjegat li huma joqghodu bieb ma bieb ma huha u li jidhlu minn parapett wiehed. Ir-relazzjonijiet bejn huha u zewgha huma fi stat li ma jitkellmux. Hi qalet li ma taqbilx mal-pjanta li esebixxa

zewgha ghaliex qed turi dar hafna akbar, li hi villa, mentri d-dar taghhom mhux hekk.

Xehed ukoll **Dr William Azzopardi** li jahdem mad-Domestic Violence Unit. Huwa sar jaf lil Connie Scerri fis-6 t'Awissu 1996. Hu spjega li x-xoghol tad-Domestic Violence Unit huwa li jinghata support lill-klijenti li jkunu ghaddejjin mill-problemi ta' vjolenza fil-familja. Huwa xehed li Connie Scerri giet riferuta mill-agenzija Sedqa peress li kienet qed tattendi laqghat ghall-grupp ta' nisa li zwieghom kienu jabbuzaw mill-*alcohol*. Ir-rikorrenti qaltilhom illi kienet imhasba hafna u ndwetata minhabba s-sitwazzjoni tal-vjolenza li kien hemm id-dar u kienet aktar imhasba fuq it-tifel, Olinger, li ntbaghad f'*support group* tat-tfal. Dan kien immexxi minn individwu gradwat fil-psikologija u xogholu kien illi jinghata spazju ghal tfal li ghaddejjin minn separazzjonijiet specjalment dawk li jkunu *high risk* fejn ikun hemm vjolenza jew glied kontinwu. Ix-xhud qal li kellem lit-tifel darbtejn u kien *withdrawn*. Pero` d-dar, u dan kif qaltu l-omm, it-tifel kien qed ikun vjolenti u ndixxiplinat.

In kontro-ezami qal illi r-raguni li damu sentejn biex ikellmu lil Nazzareno Scerri minn mindu sar il-*complaint* qal illi mhux prassi li jsir hekk. Huwa qal ukoll li ma rrizultax mill-process li l-mara kienet mara msawta fis-sens klassiku.

**Rita Grech**, oht Connie Scerri, xehdet li fil-bidu ma kienitx indunat bil-problemi fiz-zwieg t'ohtha. Qalet pero` li gieli

kienet tara grif u tbengil fuq ohtha u din kienet ittiha spjegazzjonijiet ghalihom kwazi banali. Ohtha eventwalment qaltilha li zewgha kellu problema bl-alcohol u bhala konsegwenza t'hekk kien isir aggressiv. Hi taf li ohtha kienet tmur laqghat is-Sedqa pero` hu ma kienx imur hlief ghal xi *social gathering*. Ix-xhud qalet ukoll li t-tfal ighidulha li meta jmorru ghand missierhom gieli jiddejqu. L-aktar li jgergru huwa fuq il-komportament ta' nannithom kif ukoll li missierhom jixrob.

In kontro-ezami qalet li gieli rat lil Nazzareno Scerri jixrob; u li f'parties tal-familja kien jixrob aktar minn haddiehor. Xehdet li bhala karattru huwa bniedem kumplimentuz, li jekk ikollok bzonn xi haga ser issibu pero` jrid li dejjem tghaddi tieghu. Qalet li quddiemha gieli gholla lehnu; u li darba ratu jimbuttaha. Hi bhala koppja ma kienitx tarahom bhala mhux f'posthom pero` lilu kienet tarah bhala illi qieghed jirrecta. Hija qalet ukoll li t-tfal gieli rawh jixrob. Skond ix-xhud irrealizzaw li hemm problema ghaliex qed jikbru.

Fl-affidavit tieghu **Antoine Grech**, hu Connie Scerri, spjega li hu joqghod bieb ma bieb maghha u li l-parapett hu komuni ghat-tnejn. Huwa proprjetarju ta' 'Cassia Bar' il-Fgura fejn Nazzareno Scerri kien jiffrekwentah regolarment. Huwa qal li hafna drabi meta kien imur kien ikun diga xurban. Huwa rrefera wkoll ghal incident li gara fil-Bar, fejn Reno kien sar aggressiv u hebb ghal hu x-xhud. Qal li ghalkemm kien jisma' l-ghajjat mid-dar t'ohtu ma

kienx jindahal u hi ma kienitx turih x'kien qed jigri. Ikkonferma li r-residenza matrimonjali tal-partijiet fil-kawza hija parafernali ghal ohtu u ttellghet minn missierhom u niesu. Meta Nazzareno Scerri mar l-ewwel darba l-post t'ohtu kien diga mtella'. Peress li l-post tieghu hu ezatt bhal t'ohtu qal li d-dar ma tistax tinqasam peress li t-tnejn ikunu jridu jghaddu mill-istess entrata. Inoltre` qal li mhux lest jaghti permess biex jinfetah bieb iehor ghal go parti komuni li ghandu sehem indiviz minnu. Kif ukoll, bhalissa hu u Nazzareno mhumiex qed jitkellmu, minn mindu nholqot is-separazzjoni u kien hemm inkwiet bejniethom peress li kienu jigu mhedda.

In kontro-ezami qal li hu minnu li Nazzareno Scerri kellu incident ma huh Joseph Grech li ghamel zmien il-Habs. Huwa qal ukoll li kien ir-ragel t'ohtu stess li qalilhom li qabel ma hareg m'ohthom huwa kien instab hati talli kien fera xi persuna. Huwa cahad li Nazzareno kien imur il-bar tieghu biex ighinu imma baqa' jsostni li kien imur biex jixrob. Huwa qal li qatt ma qalilha lil ohtu li zewgha kien imur jixrob ghandu, u lanqas qatt ma staqsiha x'kien ikun l-ghajjat u storbju minn darha. Huwa cahad li Scerri hareg flus ghall-post imma hareg kollox missieru. Inoltre` qed isostni li Scerri qed jheddu.

<u>(C) APPREZZAMENT TA' PROVI.</u>

Illi Nazzareno Scerri permezz tar-rikors odjern qed jitlob li d-dar matrimonjali tista' tigi komodament diviza, u dan

stante li hu bhalissa qed ighix m'ommu u mhux finanzjarjament possibbli li jsib ghal rasu. Fl-istess rikors huwa talab lil din il-Qorti sabiex tistabilixxi l'hinijiet meta hu jkollu t-tfal mieghu u dan anke jraqqadhom mieghu.

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-qsim tad-dar, kif propost mill-istess Nazzareno Scerri u kif certament jista' jsir *ai termini* tal-**Artikolu 46** tal-Kodici Civili, anke skond is-sentenza tal-Appell **"Maria Dolores sive Doreen Scicluna vs Dennis Scicluna"** tas-16 ta' Jannar 1996 ma ghadhiex aktar possibbli, minhabba proprju l-komportament ta' Nazzareno Scerri. Illi dak li rrizulta mix-xhieda prodotti Nazzareno Scerri ghandu l-problema tax-xorb li b'konsegwenza tieghu jsir aggressiv. Dan gara anki quddiem it-tfal taghhom stess u dan certament mhux l-ahjar ambjent li t-tfal ghandhom jitrabbew fih. Infatti, mix-xhieda ta' Dr William Azzopardi johrog bic-car li l-problemi konjugali tal-genituri tieghu u l-aggressivita` li ra quddiemu kienu ta' detriment ghat-tifel minuri Olinger Scerri – fi kliem ix-xhud, it-tifel kien *withdrawn* u tpogga f'*support group* tat-tfal li kienu ghaddejjin minn separazzjoni specjalment dawk li jkunu *high risk* fejn ikun hemm vjolenza jew glied kontinwu. Illi f'digriet moghti f'Dicembru 1997 fil-kaz '**Delceppo vs Delceppo**' (Cit Nru 149/97/NA), il-Prim' Awla tal-Qorti Civili rriteniet li *'it is accepted that ideally children need a stable environment free from tensions and anxiety created by the sight of parent quarreling or fighting and preferably to a home they are used to, the matrimonial home"* **(Family Law [2nd Edition] Carol Crowdy)**.

Illi jinghad ghalhekk illi li kieku kellha tigi diviza din id-dar il-konjugi se jkunu wisq vicin ta' xulxin, mhux possibbli li ma jiltaqghux u kwindi, in vista tal-komportament ta' l-istess Nazzareno Scerri, jista' jinqala' aktar inkwiet facilment. Dan possibilment ghandu jigi evitat. Inoltre` rrizulta wkoll li d-dar matrimonjali hija parafernali ghal Connie Scerri u dan skond il-kuntratt tad-19 ta' Lulju 1982 fl-atti tan-Nutar George Cassar a fol 45 tal-process, u kwindi, din il-Qorti ma thossx li ghandha taghti provvediment dwar il-qsim ta' din id-dar f'dan l-istadju.

Illi ghal dak li jirrigward t-talba tieghu sabiex il-Qorti tistabbilixxi l-hinijiet meta hu jkollu t-tfal mieghu u dan anke jraqqadhom mieghu, din il-Qorti ma tarax raguni biex tvarja id-digriet moghti mis-Sekond' Awla. Infatti, kif intqal f' **"Evelyn Sultana pro et noe vs Martin Sultana"** – (Deciza 20 t'April 1999 - Cit Nru 1604/98/RCP) dan it-tip ta' rikors m'ghandux jigi trattat bhala appell mid-digriet tas-Sekond' Awla. Fil-fatt intqal hekk:

"*Il-Qorti f'din l-istanza ma hijiex qeghda biex tissindika l-operat ta' Qorti ohra. Qeghda hawn biex tikkonsidra biss jekk hemmx ragunijiet sufficjenti li jaghtu lok ghall-varjanzi ta' dak id-digriet, permezz ta' cirkostanzi li jew tbiddlu jew li ma kienux gew a konoxxenza tal-Qorti tas-Sekond' Awla, jew ukoll minhabba diffikultajiet li tali esekuzzjoni tad-digriet setghu avveraw ruhhom wara l-pronunzjament tal-istess*".

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors ta' Nazzareno Scerri tad-9 ta' Novembru 1998** stante li mhumiex gustifikati u huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi fil-kuntest tar-rikors tal-attrici tal-14 t'Ottubru 1998 din il-Qorti tikkonferma d-digriet taghha tal-10 ta' Dicembru 1998 u tichad it-talbiet tar-rikorrenti Connie Scerri anke fil-kuntest tal-verbal u ftehim tal-partijiet datat 10 ta' Dicembru 1998.

Bl-ispejjez kollha tar-rikors ta' Nazzareno Scerri a karigu tal-istess Nazzareno Scerri, filwaqt li dwar ir-rikors ta' Connie Scerri fuq indikat kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**21 ta' Gunju 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**21 ta' Gunju 2001**